# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tat-23 laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 23 ta' Frar 2026 fis-6:25 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa.

**23.01 Talba**

23.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**23.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

23.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**23.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 22**

23.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 22 ġew approvati unanimament. Is-Sindku ipproponiet u l-Viċi Sindku ssekonda.

**23.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

23.04.01 Is-Sindku infurmat li l-kuntratt tad-devoluzzjoni tal-art tal-latrina pubblika ġie ffinalizzat, wara li l-kuntratt oriġinali kien ilu pendenti u qatt ma ġie ffirmat. Hija spjegat li d-devoluzzjoni issa għaddiet lill-Kunsill sabiex ikun jista' jitwettaq il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Infurmat ukoll li fl-20 ta' Marzu 2026 fl-10:00 a.m. se ssir *press conference* mill-Ministru responsabbli, Dr Owen Bonnici, u li se tintbagħat stedina uffiċjali mill-Ministeru għall-iffirmar relatat. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

23.04.02 Is-Sindku infurmat li nhar it-18 ta' Marzu 2026 fis-6:00 p.m., fil-Librerija Pubblika, ser isir taħriġ organizzat mir-Reġjun Punent dwar l-użu tal-*AED*. Hija żiedet li, waqt laqgħa tar-Reġjun, kienet ressqet talba lill-President sabiex jiġi kkunsidrat tali taħriġ. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

23.04.03 Dwar ir-restawr tal-Isptar il-Qadim, is-Sindku infurmat li ġie installat ukoll il-ħadid u li ser issir l-aħħar laqgħa mal-kuntrattur sabiex jiġu indirizzati xi xogħlijiet żgħar pendenti, fosthom fili mhux imkaħħla fil-garigor tal-kantina. Hija spjegat li fadal biss it-tindif finali sabiex wara dan tiġi infurmata l-LESA kif ukoll il-Ministru responsabbli li r-restawr tal-binja huwa konkluż. Żiedet li nbeda l-proċess tat-*tender* mas-Sur Adrian Mifsud, responsabbli mit-*tenders*, għall-provvista tal-għamara u l-

*finishings* meħtieġa sabiex l-Isptar il-Qadim jibda jopera wkoll bħala uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

23.04.04 Is-Sindku infurmat li l-kumpanija *MIEA* (eks *MGI*), maħtura bħala l-*accountants* tal-Kunsill, bdiet taħdem fuq l-*accounts* tal-Kunsill. Spjegat li, minħabba li ma sar l-ebda xogħol fuq l-*accounts* fl-aħħar sitt xhur tas-sena mill-*accountant* preċedenti, ix-xogħol mill-*MIEA* kellu jibda mill-perjodu ta' Lulju 2025 'l quddiem sabiex tingħalaq is-sena finanzjarja 2025 u jkun jista' jibda l-proċess tal-awditjar. Żiedet li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ġie infurmat b'dan kollu mill-bidu u li d-DĠ assista wkoll biex jinstabu l-*accountants* il-ġodda. In-*National Audit Office* ġie infurmat ukoll dwar sitwazzjoni li tista' twassal għal dewmien fil-bidu tal-awditjar. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta'dan.

23.04.05 Is-Sindku rreferiet għal-laqgħa li l-Kunsill kellu mad-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi, fejn ġie indikat li l-Pjazza tal-Knisja għandha tibqa' bil-pavimentar u mhux bit-tarmak, minkejja li s-Sindku insistiet dwar id-deċiżjoni fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill li parti mill-pjazza ssir bit-tarmak minħabba problemi persistenti fil-paviment. Is-Sindku enfasizzat ukoll li diversi residenti esprimew tħassib dwar l-effettività tal-manutenzjoni, filwaqt li d-Dipartiment sostna li l-metodoloġija ġdida għandha telimina dawn il-problemi. Ġew diskussi alternattivi relatati mat-traffiku li jgħaddi mill-pjazza, inkluż l-użu ta' vetturi iżgħar minflok trasport pubbliku kbir, iżda s-Sindku ma qisitx din bħala soluzzjoni prattika, b'mod partikolari fid-dawl tal-bżonnijiet tar-residenti anzjani li jagħmlu użu regolari mis-servizz tat-trasport pubbliku. Żiedet li bħalissa jinsabu għaddejjin ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni, u li qed jiġi propost ftehim ta' manutenzjoni mid-Dipartiment. Irreferiet ukoll għall-appoġġ tas-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Omar Farrugia, filwaqt li qajmet tħassib dwar il-kontinwità tas-servizz mid-Dipartiment f'każ li fil-futur ma jibqax fl-istess Segretarjat. Għat-talba tas-Sindku sabiex jitħaffef ix-xogħol, ġie kkonfermat mill-Onor Farrugia li dan qed jitwettaq minn żewġ timijiet. Il-Kunsillieri preżenti ddiskutew is-suġġett fit-tul.

23.04.06 Is-Sindku infurmat li x-xogħlijiet fi Sqaq Buhar, imwettqa minn IM, għaddejjin b'ritmu tajjeb u diġà tlestiet l-ewwel parti bil-konkos. Hija rreferiet għal laqgħa fuq il-post li saret fl-istess jum mal-Perit ta' IM, li għaliha attendiet flimkien mas-S.E., fejn ġie kkonfermat li x-xogħol miexi b'pass tajjeb. Ġie diskuss ukoll l-inkorporar possibbli tad-dawl tat-triq fil-proġett, wara talba li kienet saret mill-Kunsill, li dwaru ntlaħaq qbil u diġà saru *points* relatati fil-parti li tlestiet bil-konkos. Fir-rigward tal-parti li fadal, minn Triq it-Torri lejn Sqaq Buhar, qed jiġi kkunsidrat li jiġu installati arbli għad-dawl tat-triq, suġġett għall-approvazzjoni ta' TM, l-ERA u l-MIA. Il-Kunsilliera preżenti ħadu nota ta' dan.

23.04.07 Is-Sindku rreferiet għal-laqgħa pubblika organizzata minn *Projects Green* dwar il-proġett tal-Ġnien Onġi Onġella, li għaliha attendew is-Sindku, il-Kunsillieri Galea u Ghigo, filwaqt li l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Sciberras kienu skużati. F'din il-laqgħa ġew ippreżentati l-pjanti tal-proġett li bħalissa jinsabu għall-approvazzjoni u suġġetti għal xi aġġustamenti minn TM. Is-Sindku infurmat li qed jiġi propost parkeġġ tat-tip *fish bone*, u ġie diskuss ukoll l-allokazzjoni ta' madwar sitt posti għal persuni b'diżabilità u għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi permezz ta' *charging pillars.* Intqal ukoll li ladarba *Projects Green* tikseb l-approvazzjonijiet kollha meħtieġa, tkun tista' tavvanza għall-proċess tat-tender. Is-Sindku fakkret li f'laqgħat preċedenti insistiet dwar l-installazzjoni ta' tagħmir tal-logħob għat-tfal fil-ġnien u dwar il-possibbiltà ta' bust, li ġew ikkunsidrati minn *Projects Green*. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

23.04.08 Is-Sindku infurmat li rċevejna korrispondenza mingħand residenti fi Sqaq Nru 4, Triq il-Parroċċa, li allegaw ħsara fuq il-faċċata tal-proprjetà tagħhom allegatament ikkawżata minn fanal dekorattiv tat-triq wara riħ qawwi li għamel u talbu kumpens. Skont parir legali, il-ħsara tidher li tirriżulta minn nuqqas ta' manutenzjoni tal-faċċata mis-sidien u mhux mill-fanal. B'ittra datata 5 ta' Frar 2026, l-avukat tal-Kunsill informa lir-residenti li, minkejja li l-fanal kien installat bil-kunsens tas-sidien ta' qabel, il-Kunsill jista' jikkunsidra t-tneħħija tiegħu, iżda mhux se jerfa' responsabbiltà għall-ħsara

allegata, u għall-fatt li bit-tneħħija tal-fanal se jkun hemm nuqqas ta' dawl fl-isqaq. Is-Sindku żiedet li sal-lum ma waslet l-ebda risposta mingħand ir-residenti. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

23.04.09 Rigward ix-xelter li nstab fi Triq il-Lanġasa, is-Sindku infurmat li l-Perit ta' Infrastruttura Malta (IM) informa lis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali (*SCH*) dwar din is-sejba, u li se jsir *site meeting* bejn IM u l-*SCH*, u wara dan, ix-xogħlijiet se jipproċedu skont l-istruzzjonijiet tal-*SCH* f'dan il-każ. Fir-rigward tax-xelter l-ieħor li nstab fi Triq Santa Katerina, is-Sindku infurmat li ġiet infurmata li dan se jingħalaq kif suppost malli jitlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni privata li bħalissa għaddej fuq sit biswit l-imsemmi xelter. Il-Kunsilliera preżenti ħadu nota ta' dan.

23.04.10 Is-Sindku infurmat li ġiet mgħarrfa li, rigward il-magħqad ta' ilma tax-xita li feġġ fi Triq Santa Katerina wara li inksiet bit-tarmak, se jkun meħtieġ it-tqaxxir u l-kisi mill-ġdid ta' parti mit-triq mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

23.04.11 Is-Sindku infurmat li kkanċellat iż-żjara tal-President ta' Malta fl-Imqabba, skedata għat-22 ta' Frar 2026, minħabba x-xogħlijiet li hemm għaddejjin fil-pjazza. Fir-rigward taż-żjara mill-komunità Mqabbija lill-President ta' Malta, inizjalment ippjanata għal Marzu 2026, din ġiet posposta għas-6 ta' April 2026. Is-Sindku spjegat li kull min jixtieq jattendi għandu jirreġistra ismu, kunjomu u n-numru tal-karta tal-identità fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsilliera preżenti ħadu nota ta'dan.

23.04.12 Is-Sindku staqsiet lill-Kunsillieri preżenti sabiex jipproponu ismijiet ta' kantanti lokali li jistgħu jiġu kkunsidrati għall-attività kulturali "Stilel Taħt il-Kampnar" li ser issir fit-2 ta' Mejju 2026, u talbithom javżawha f'każ li jkollhom suġġerimenti. Hija infurmat li diġà ġiet ikkonfermata l-*Band 'Brass House Unit'*, filwaqt li qed jiġi kkunsidrat ukoll id-DJ Alex Grech. Matul id-diskussjoni ssemmew ukoll il-kantanti Lisa Gauci u Claudia Faniello. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

***Il-laqgħa ġiet temporanjament sospiża bejn is-6:55 p.m. u s-7:00 p.m. minħabba telefonata privata importanti li kellha s-Sindku.***

23.04.13 Is-Sindku semmiet il-laqgħa informattiva li saret fl-20 ta' Frar 2026 mid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar it-tieni edizzjoni ta' "Minn Pjazza għal Pjazza", li permezz tagħha l-Kunsilli jistgħu jfasslu u jressqu applikazzjoni għal din l-inizjattiva. Hija stiednet lill-Kunsillieri preżenti sabiex jipproponu ideat li jistgħu jiġu kkunsidrati, fosthom il-parteċipazzjoni ta' kantanti lokali, l-involviment tal-għaqdiet b'ikel tradizzjonali Malti u l-organizzazzjoni ta' logħob għat-tfal differenti minn eżempju *bouncy castles*. Hija żiedet li għal din l-inizjattiva hemm allokati €25,000. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

23.04.14 Is-Sindku infurmat li rċevejna korrispondenza mingħand l-*Ombudsman* dwar il-każ tal-bankina fi Triq Valletta, fejn skont il-Perit tal-*Public Works*, il-bankina hija għolja u mhux skont l-*istandards*, u ma jistax iqabbad magħha l-kumplament tal-bankina meħtieġa, filwaqt li s-sid qed jallega li s-sit huwa tiegħu. Hija żiedet li ħadet parir legali u ser tingħata risposta permezz tal-avukat tal-Kunsill, bil-possibbiltà li l-każ jgħaddi għand il-Pulizija minħabba nuqqas ta' ċarezza dwar il-*building line* u s-sit. Hija esprimiet it-tama li l-*Public Works* jibqgħu jassistu minħabba n-nuqqas ta' kuntrattur tal-Kunsill, wara li, għat-tieni darba, ma rċevejna l-ebda offerta għat-*tender*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

23.04.15 Is-Sindku nfurmat li l-programm "Bonġu Malta" ser jittella' mill-Imqabba nhar il-15 ta' Marzu 2026, u li għal dan il-għan għandha laqgħa skedata mat-tim tal-programm nhar il-Ġimgħa li ġej. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota.

23.04.16 Is-Sindku qalet li nhar is-26 u 27 ta' Frar 2026 se tkun qed titqaxxar parti minn Triq il-Murselli u tinkesa mill-ġdid bit-tarmak sabiex tiġi indirizzata problema persistenti ta' magħqad ta' ilma biswit l-

isprall fil-kantuniera mas-*service road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**23.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

23.05.01 Il-Viċi Sindku staqsa jekk waslitx risposta għall-*email* mibgħuta mill-uffiċċju rigward il-*pelican crossing* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, faċċata ta' Ġnien Mikielanġ Sapiano, sabiex jiġi rivedut il-ħin allokat għall-qsim tal-*pedestrians*, peress li qed jinbidel malajr wisq. Is-S.E. wieġbet li ser issegwi l-każ peress li s'issa ma waslet l-ebda risposta. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

23.05.02 Il-Viċi Sindku staqsa dwar id-diżlivell fil-ħajt tas-*central strip* fil-*bypass* fejn jinsab il-*bus stop*, kif ukoll dwar parti mill-kurduna li ntradmet fil-ħamrija fl-istess *central strip* viċin id-daħla tal-ħanut *Maypole*. Is-S.E. wieġbet li ż-żewġ każijiet ġew rrappurtati lill-*Public Works*, filwaqt li s-Sindku infurmat li ser tkompli ssegwi dwarhom. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

23.05.03 Il-Viċi Sindku informa li għandu jiltaqa' ma' persuna biex jara jekk jistax jaqdina dwar il-*water detection* tal-funtana ta' Ġnien Mikelanġ Sapiano. Is-Sindku fakkret lill-Kunsillier Galea biex jipprovdi d-dettalji ta' kuntatt li għandu ta' xi ħadd ieħor li jista' jaqdina f'dan il-każ.

23.05.04 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar iż-*zebra crossing* fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, quddiem ix-xatba tal-Ġnien tal-Mentna, li jidher li ġiet miżbugħa bl-iswed. Is-Sindku infurmat li dan ma sarx mill-Kunsill u li ser issir talba lill-kuntattur tal-Kunsill biex terġa' tinżebagħ kif suppost għaliex dik hija parti mis-*safety measures* tal-ġnien. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

23.05.05 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar id-dawl tat-toroq, b'mod partikolari fi Triq il-Qrendi, Pjazza Ġublew tad-Djamanti u Misraħ il-Fidwa, li ilu mitfi għal aktar minn tliet xhur. Is-Sindku wieġbet li dawn il-każijiet kollha ġew irrappurtati u li anke ġew diskussi mal-Inġinier. Hija talbet lis-S.E. biex tinkludi lill-Ministru fil-korrispondenza relatata ma' dawn il-lampi, inklużi dawk fi Triq l-Aħwa Ghigo u Triq Monsinjur Alfons Caruana. Is-Sindku żiedet li d-dawl fiż-żona ta' Tar-Robba issa reġa' beda jiffunzjona. Il-Kunsilliera ħadu nota ta' dan.

23.05.06 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-*Caring Capacity* li kien ġie diskuss preċedentement. Is-Sindku infurmat li hija kienet ikkomunikat mal-President tar-Reġjun, li indika li kwalunkwe mistoqsija relatata għandha tiġi riferuta direttament lilu sabiex jipprovdi t-tweġibiet meħtieġa. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

23.05.07 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar l-art li tinsab fi Triq Ġorġ Martin kantuniera ma' Triq il-Ħajt tal-Matla. Is-Sindku infurmat li, minkejja li mill-uffiċċju ġiet sottomessa applikazzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet għad-devoluzzjoni tal-imsemmija art, sal-lum għadna ma rċevejna l-ebda risposta. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

23.05.08 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar ir-Rapport Tekniku relatat ma' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija li ġie ppreżentat mill-Kunsill lill-Ministeru. Is-Sindku infurmat li dakinhar stess kienet f'kuntatt mal-*PA* tas-*CEO* ta' *Transport Malta* sabiex tikseb *feedback* dwar dan. Il-Kunsillier Galea esprima t-tħassib tiegħu dwar il-periklu eżistenti fit-triq u rrimarka li, f'każ ta' inċident, ir-responsabbiltà għandha tinġarr mill-Ministeru kompetenti. Is-Sindku żiedet li, minkejja r-rapport ippreżentat mill-Kunsill, it-triq inkwistjoni hija arterjali u għaldaqstant taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Gvern u mhux tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

23.05.09 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-*mobile toilets* li nnota li tpoġġew fil-Pjazza tal-Knisja. Is-Sindku wieġbet li dawn x'aktarx tpoġġew għall-użu tal-ħaddiema li qed iwettqu x-xogħlijiet fil-Pjazza tal-Knisja. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

23.05.10 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-latrina pubblika li se tkun tifforma parti miċ-Ċentru Ċiviku, u s-Sindku wieġbet li t-*tender* relatat għandu jiġi ppubblikat matul din il-ġimgħa. Il-Kunsilliera ħadu nota ta' dan.

23.05.11 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-proġett tal-Ġnien tal-Ġibjun. Is-Sindku wieġbet li, sal-lum, ma hemmx informazzjoni disponibbli dwar meta se jinħareġ it-tender. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota.

23.05.12 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-proġett tal-Park tal-Mitħna minn *Projects Green*, b'riferiment għad-data ta' skadenza applikabbli. Is-Sindku infurmat li kienet mitluba tikkonferma estenzjoni għal xogħol fil-ħinijiet tard matul ix-xahar ta' Frar, u x'aktarx li tintalab estenzjoni simili għal Marzu. Madankollu, hija dejjem kienet infurmata li l-proġett kellu jitlesta sa Marzu 2026 minħabba l-fondi tal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsillieri osservaw li x-xogħol jidher li għadu lura.

23.05.13 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-mera tat-traffiku li kellha tiġi nstallata fi Triq il-Karmnu kantuniera ma' Pjazza tal-Knisja, faċċata ta' Sqaq il-Knisja. Is-S.E. wieġbet li l-mera ġiet ordnata. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

23.05.14 Il-Kunsillier Galea qajjem punt dwar kumment fil-midja soċjali miktub mill-Viċi Sindku, fejn sar paragun ta' *Ward 10* mal-Kap tal-Oppożizzjoni, u l-Imqabba reġgħet spiċċat f'ilsien in-nies konsegwenza ta' dan. Il-Kunsilleri Galea enfasizza li, filwaqt li bħala individwu għandu libertà ta' espressjoni, fir-rwol ta' Viċi Sindku għandu jkun aktar sensittiv minħabba l-impatt fuq ir-raħal. Is-Sindku spjegat li hija ma kitbet xejn iżda xorta ġiet attakkata u saħansitra ntqalilha biex tmur hi f' *Ward 10*, filwaqt li għal dan il-kumment ma kien hemm l-ebda kundanna, u qrat il-kumment inkwistjoni. Wara diskussjoni fost il-Kunsillieri, is-Sindku żiedet li kull min għandu lment dwar dak li seħħ jista' jirrikorri għand il-Bord tal-Governanza tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

23.05.15 Il-Kunsillier Sciberras reġa' staqsa dwar iċ-ċint imwaqqa' li jinsab wara l-*bus stop* fi Triq Baskal Xuereb. Is-Sindku talbet lis-S.E. sabiex tgħaddi rapport lill-*Public Works* sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

23.05.16 Il-Kunsillier Sciberras semma li fil-bidu ta' Triq Valletta, mir-*roundabout* tar-Robba direzzjoni lejn l-Imqabba, hemm ħofra fit-triq. Is-Sindku infurmat li t-triq hija waħda arterjali u mill-uffiċċju diġà għadda rapport dwarha. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

23.05.17 Il-Kunsillier Ghigo staqsa dwar il-komunikazzjoni ma' Transport Malta li kellha ssir fir-rigward tal-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq il-Friefet. Is-Sindku ikkonfermat li l-korrispondenza f'dan is-sens kienet diġà ntbagħtet mill-uffiċċju. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

23.05.18 Il-Kunsillier Ghigo semma li hemm ħofra kbira bejn Triq in-Nazzarenu u Triq Ħal Kirkop, kif wieħed jaqbeż Ġnien Tfal ir-Raħal. Is-Sindku talbitu jibgħat ritratt, filwaqt li talbet lis-S.E. tafakkar lill-kuntrattur li tlabnih stima għall-*patching* fi Triq Ħal Kirkop, kif ukoll biex iwettaq ix-xogħol l-ieħor ta' *patching* fi Triq l-Imterrqa u Triq tas-Sejba. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**23.06 Ħatra ta' Bord għat-Tender tal-Perit**

23.06.01 Is-Sindku infurmat li sar il-ftuħ tat-*tender* relatat mas-servizzi tal-Perit, li għalih ġew sottomessi erba' offerti. Ġie deċiż li jinħatar Bord sabiex jitwettaq il-proċess ta' evalwazzjoni. Il-Kunsillieri Galea u Ghigo esprimew ix-xewqa li jservu bħala membri tal-Bord, flimkien mas-Sindku bħala *Chairperson* u mas-Sur Adrian Mifsud bħala l-persuna li ħadmet fuq it-tender. Is-Sindku talbet lis-S.E. sabiex tivverifika d-disponibbiltà tas-Sur Mifsud u tikkonferma miegħu jekk it-3 ta' Marzu fil-5:30pm tkunx data u ħin adattati għal-laqgħa tal-Bord. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**23.07** ***Administration Officer I (Scale 12)***

23.07.01 Is-Sindku infurmat li l-applikanti kollha ġew intervistati, inkluża applikanta li minħabba raġunijiet ta' saħħa ġiet intervistata f'ġurnata separata. Ġie mfakkar li fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill ta delega lill-Bord sabiex jaħtar l-applikant/a, u għaldaqstant qed tiġi ratifikata d-deċiżjoni fejn intgħażlet it-tieni kandidata fuq il-lista wara li l-ewwel kandidata rrakkomandata rrifjutat il-pożizzjoni. Is-Sindku żiedet li l-applikanta magħżula għaddiet b'suċċess mit-tieni intervista, filwaqt li xorta tinħtieġ li tingħata t-taħriġ. Is-Sindku infurmat ukoll li l-applikanta għandha perjodu ta' *notice* mal-impjieg attwali tagħha u ser tkun tista' tibda d-dmirijiet tagħha mill-25 ta' Marzu 2026. Il-Kunsillieri preżenti qablu unanimament ma' din ir-ratifika.

**23.08** **Laqgħa Annwali tal-Lokalità**

23.08.01 Is-Sindku talbet konferma lis-S.E. dwar sa meta trid issir il-laqgħa annwali tal-lokalità, u infurmatha li din għandha ssir sa mhux iktar tard mil-15 ta' April 2026. Il-Kunsillieri qablu li l-imsemmija laqgħa ssir qabel il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill, li ġiet skedata għal nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu 2026, fil-5:00 p.m. fil-bini tal-Kunsill Lokali.

**23.09** **Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

23.09.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, il-Kunsillieri qablu li ma hemmx dwar xhix il-Kunsill għandu joġġezzjona jew jibgħat rappreżentazzjoni.

23.09.02 Is-Sindku rreferiet għall-*Planning Public Hearing* tas-26 ta' Frar 2026 dwar l-applikazzjoni PA 08969/19, u fakkret li, fi żmien meta Omar Farrugia kien Sindku, kien tħejja rapport sabiex il-Kunsill iressaq l-oġġezzjoni tiegħu mal-ERA, fid-dawl li s-sit jinsab f'ODZ u minħabba l-attivitajiet tan-nar waqt iż-żewġ festi tar-raħal li jistgħu jaffettwaw lir-residenti fil-proposta dar għall-anzjani fi Triq Valletta. Hija żiedet li fil-*hearing* imsemmi ser jittieħed vot dwar jekk il-permess għandux jingħata, fejn ir-*recommended decision* hi li jingħata l-permess. Il-Kunsillieri ħadu vot dwar il-proposta u r-riżultat kien tlieta kontra u tnejn favur, u għaldaqstant is-Sindku, f'isem il-Kunsill, ser tivvota kontra din l-applikazzjoni waqt il-*public hearing*.

**23.10** **Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

23.10.01 Is-S.E. qalet li hemm bżonn jinxtara *printer* għall-użu tal-uffiċċju. Is-Sindku rrimarkat li huwa importanti li l-*printer* ikun kompatibbli mal-*Wi-Fi Connection*. Il-Kunsilliera preżenti qablu li ssir l-ordni fuq l-irħas kwotazzjoni li rċevejna.

23.10.02 Is-S.E. infurmat li l-*water heater* tal-kċina tal-Kunsill jinsab bil-ħsara, u li diġà ntalbu stimi mill-uffiċċju għal ieħor ġdid. Il-Kunsill iddiskuta l-kwistjoni għar-raġuni li l-uffiċċju daqt ser jiġi rilokat fl-Isptar il-Qadim u, jekk il-*water heater* attwali għadu jaħdem, m'hemmx lok għal nefqa bla bżonn.

Madankollu, ġie maqbul li jekk dan huwa ta' periklu, għandi jinxtara wieħed ġdid tal-iżgħar daqs u bl-inqas spiża possibbli.

23.10.03 B'referenza għall-parkeġġ fis-*service road* fi Triq il-Konvoj bejn Triq Xandru Farrugia u Triq il-Franka, imsemmi mill-Kunsillier Galea, is-S.E. infurmat li l-kuntrattur tal-Kunsill żar is-sit u kkonferma li hemm spazju għal erba' parkeġġi u wieħed addizzjonali għal żewġ muturi. Il-Kunsillieri qablu li dawn il-parkeġġi jiġu implimentati, bil-parkeġġ għall-muturi jitqiegħed fuq in-naħa ta' Triq il-Franka.

23.10.04 Is-S.E. infurmat li daħlu żewġ talbiet, waħda għal mera tat-traffiku f'Xagħri l-Imqalleb, u oħra għal *road hump* fi Triq iż-Żurrieq. Is-Sindku qalet li l-mera tista' ssir, filwaqt li dwar ir-*road hump*, jinħtieġ li l-ewwel tiġi ċċirkulati ittra ta' konsultazzjoni mar-residenti tat-triq. Il-Kunsillieri qablu u ħadu nota ta' dan.

23.10.05 Irċevejna korrispondenza mingħand resident fi Sqaq Nru 4, Triq il-Parroċċa, dwar parkeġġ li fl-isqaq li kien ta' ostaklu waqt emerġenza. Is-Sindku qalet li għandu jintalab ritratt tal-vettura sabiex jiġi identifikat is-sid u jiġi avżat, qabel ma tintalab approvazzjoni mingħand TM għal tabella biex ma jipparkjawx fl-isqaq. Żiedet li parkeġġ fi sqaq mhux permess u seta' sar rapport lill-Pulizija. Il-Kunsillieri qablu u ħadu nota ta' dan.

23.10.06 Irċevejna korrispondenza mingħand resident fi Triq l-Ispnar dwar talba għal tiswija urġenti tal-bankina quddiem ir-residenza tiegħu, minħabba l-istat ħażin tagħha li qed jikkawża ħsara lill-*inspection chamber* tad-drenaġġ u riskju li tkompli tiddeterjora minħabba l-vetturi u xogħlijiet preċedenti tal-*WSC*. Is-Sindku qalet li għandha tintbagħat imejl lis-CEO Karl Cilia (*WSC*) sabiex tittieħed azzjoni. Il-Kunsillieri qablu u ħadu nota ta' dan.

**23.11 Ilmenti u Suġġerimenti**

23.11.01 Il-Kunsillier Galea qal li hemm bżonn jinqata' l-ħaxix selvaġġ minn Triq tas-Sejba. Is-Sindku wieġbet li l-*Cleansing Department* diġà infurmat dwar dan. Il-Kunsillieri ħadu nota.

23.11.02 Il-Kunsillier Galea qal li hemm bżonn jinqata' wkoll il-ħaxix selvaġġ minn Triq Ħal Kirkop. Is-S.E. ħadet nota biex ix-xogħol jerġa' jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

23.11.03 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-possibiltà li l-*patching* meħtieġ fil-pjazzetta taċ-Ċimiterju jsir minn IM, hekk kif bħalissa qed jaħdmu viċin, fi Triq Mons Alfons Caruana. Is-Sindku spjegat li ma' IM ix-xogħol ma jsirx hekk, iżda tista' żżid din it-triq mal-lista ta' toroq li jinħtieġu t-tarmak li diġà ġiet sottomessa lill-istess entità. Il-Kunsillier Galea ikkjarifka li l-*patching* isir a spejjeż tal-Kunsill mill-kuntrattur ta' IM bħalma se jsiru Sejba u Imterrqa. Is-Sindku fakkret li diġà tlabnih stima għal dan ix-xogħol. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

23.11.04 Il-Kunsillier Galea issuġġerixxa li fuq il-paġna *Facebook* tal-Kunsill jittella' avviż tal-*LESA* sabiex jitħeġġu s-sewwieqa jirreġistraw il-vetturi tagħhom, bil-għan li f'każ ta' xogħlijiet fit-toroq jew sitwazzjonijiet fejn vetturi jkunu pparkjati minkejja avviż ta' *No Parking*, is-sidien ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati direttament u jevitaw li jiġu mmultati. Il-Kunsillieri preżenti qablu ma' dan.

23.11.05 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-bankina li kellha ssir fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Is-Sindku infurmat li x-xogħol ser jibda fil-qrib, peress li l-kuntrattur tal-*Public Works* diġà ġie assenjat u l-materjal meħtieġ wasal, u li ser isir tibdil tal-bankini kollha. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota.

23.11.06 Il-Kunsillier Sciberras irrefera għal diskussjoni preċedenti dwar vettura tal-Kunsill u informa li xi residenti talbu għal servizz simili għal *Silver T*. Is-Sindku spjegat li bħalissa m'hemmx skemi disponibbli u l-Kunsill ma jistax jaffordja vettura, iżda jekk toħroġ skema oħra, tiġi kkunsidrata applikazzjoni. Il-Kunsillieri ddiskutew is-suġġett u speċifikament anke s-servizz *Silver T*.

23.11.07 Il-Kunsillier Sciberras qal li, minħabba l-għeluq tal-Pjazza u n-nuqqas ta' parkeġġ, temporanjament għandhom jieqfu jingħataw ċitazzjonijiet mis-*CCTV* tal-Pjazza. Is-Sindku qalet li diġà infurmat lil *LESA Monitoring* u li dan ġie aċċettat. Il-Kunsillieri ħadu nota.

23.11.08 Il-Kunsillier Ghigo qal li kamra fi Triq iż-Żurrieq tinsab fi stat perikoluż u tista' tiġġarraf, filwaqt li s'issa hemm biss *tape* tal-Pulizija quddiemha. Is-Sindku infurmat li kkuntattjat lill-*Community Police* u pprovdiet l-informazzjoni dwar is-sidien, kif ukoll li ntbagħat rapport uffiċjali lill-Pulizija mill-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

23.11.09 Il-Kunsillier Ghigo informa lill-Kunsill li ġie avviċinat minn xi ġenituri sabiex tiġi installata *zebra crossing* fi Triq tas-Sejba, minħabba diffikultajiet biex jaqsmu t-triq sabiex jaslu fiċ-*Childcare* 'Żurgraga'. Is-Sindku spjegat li TM ma tapprovax tali talba minħabba n-nuqqas ta' bankina, u li talba preċedenti għal estensjoni tal-bankina ma kinitx ġiet implimentata. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**23.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/23**

23.12.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/23 ġiet approvata.

**23.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

23.13.01 Il-laqgħa ntemmet fid-8:55 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu 2026 fis-6:00 pm.

Konfermati illum it-Tnejn 23 ta' Marzu 2026.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |